MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2011

Numru. 1443/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**Pauline Cauchi nee` Zahra**

**Kumpilazzjoni Numru: 1443**

**Illum, 27 ta’ Mejju, 2011**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Pauline Cauchi nee` Zahra detentrici tal-karta tal-identita` numru 31971(M).

Akkuzat talli fil-15 ta’ Lulju 2010, u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:
1. Tat ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew gieghlet li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali jew weghdet; jew tat

struzzjonijiet biex isir delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghenet jew assistiet lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

2. Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, weghdet, tat jew offriet, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq kien ghal dik il-persuna jew ghal xi haddiehor;

3. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirskostanzi tat ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew geghlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew weghdiet; jew tat struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghenet jew assistiet lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti lilli bihom dawn sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghaliha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

4. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, tat ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew gieghlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew weghdiet, jew tat struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghenet jew assistiet lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn halfu l-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi:

i. tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
ii. tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti; u
iii. tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri hekk ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), 121A(1), 188, 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputata ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha, u stante li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-prosekussjoni u li l-fedina penali tal-istess hija kwazi netta u li l-imputata ma kellhiex rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputata Pauline Cauchi nee` Zahra hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha li bl-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------